

Brussell, 17 ta' Settembru 2021
(OR. en)

11821/21

RECH 399
COMPET 631

NOTA

minn: Presidenza
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: *Thejġija tal-Kunsill Kompetittività tat-28 ta' Settembru 2021*
Governanza u implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka
Skambju ta' fehmiet

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża nota tal-Presidenza dwar "Governanza u implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka" bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill Kompetittività tat-28 ta' Settembru 2021.

Governanza u implimentazzjoni taż-Żona Ewropea tar-Riċerka

fil-livell nazzjonali

1. Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) Ġdida

F'Diċembru 2020, il-Kunsill iddefinixxa "ż-ŻER Ġdida' bħala qasam ta' eċċellenza, iċċentrat fuq ir-riċerka, ibbażat fuq il-valuri, kif ukoll xprunat mill-impatt, fejn ir-riċerkaturi, l-għarfien u t-teknoloġija huma appoġġati u jistgħu jiċċirkolaw liberament. Din iż-ŻER Ġdida' għandha tkun ibbażata fuq responsabbiltajiet kondiviżi, il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati u taċ-ċittadini, filwaqt li tibni fuq id-diversità u l-punti b'saħħithom tal-ekosistemi Ewropej tar-R&I, billi twieġeb għad-direzzjonalità intelliġenti u li fiha, b'mod partikolari, ir-riċerka fundamentali hija essenzjali biex jiġu żgurati l-eċċellenza, l-attrazzjoni u l-vantaġġ kompetittiv tal-ekosistemi tar-R&I."

Ir-rikonoxximent politiku tar-rwol li għandhom ir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I) fl-iżgurar tas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-soċjetajiet tagħna u fit-twettiq tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi ra żieda sinifikanti matul il-pandemija tal-COVID-19. Iż-ŻER Ġdida għandha tuża dan il-kapital politiku mġedded u:

- tkun il-qafas politiku għall-integrazzjoni tar-R&I fil-politiki settorjali rilevanti, kemm fit-tfassil kif ukoll fl-implimentazzjoni tagħhom,
- tintensifika l-enfasi fuq it-twettiq ta' azzjonijiet konkreti u soluzzjonijiet ta' R&I,
- iżżid l-impenji politiċi u
- tikkollega l-istrumenti ta' finanzjament eżistenti biex jintlaħqu l-oġġettivi komuni tal-Aġenda ta' Politika.

L-arkitettura ta' governanza għaż-ŻER qed titfassal mill-ġdid kif xieraq biex tippermetti li:

1. il-Kunsill iwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu għat-tfassil tal-politika u t-tmexxija strateġika;

2. il-Kummissjoni Ewropea tuża r-riżorsi tagħha fit-tfassil konġunt tal-inizjattivi meħtieġa taż-ŻER, u tappoġġa u timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom;
3. l-Istati Membri jfasslu b'mod konġunt u jimplimentaw l-inizjattivi taż-ŻER u jaġġustaw l-azzjonijiet, l-investimenti u r-riformi nazzjonali tagħhom biex jintlaħqu objettivi kondiviżi u
4. il-partijiet ikkonċernati jkunu involuti b'mod aktar sistematiku mill-bidu u fiċ-ċiklu kollu tal-politika.

Il-funzjonalità u l-effettività huma prijoritajiet u jeħtieġu attenzjoni fuq il-bini tas-sjeda u l-impenji tal-atturi involuti. Il-governanza taż-ŻER għandha ssegwi rwoli u proċessi definiti fit-Trattati, fejn il-**Kunsill** jaġixxi bħala l-korp tat-teħid ta' deċiżjonijiet, l-istabbiliment tal-prijoritajiet u t-tfassil tal-politika bil-konsiderazzjoni tal-proposti u l-analiżi prodotti mill-**Kummissjoni Ewropea**. Biex jissaħħaħ il-proċess, dawn l-inizjattivi u r-rapporti għandhom jitfasslu b'mod konġunt mill-**Istati Membri** u l-Kummissjoni, b'involvement aktar sistematiku tal-partijiet ikkonċernati taż-ŻER, fil-qafas tal-**Forum taż-ŻER** ġdida. Minbarra li jiffaċilita t-tfassil konġunt, il-Forum taż-ŻER għandu jimmonitorja wkoll il-progress lejn l-objettivi kondiviżi. Barra minn hekk, korp li l-membri tiegħu huma Diretturi ġenerali (il-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni – **KŻER**) għandu jaqdi l-funzjoni konsultattiva strateġika kemm għall-Kunsill kif ukoll għall-Kummissjoni matul it-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni taż-ŻER, filwaqt li jagħti pariri wkoll dwar suġġetti pertinenti oħra.

Sabiex jissaħħaħ it-twettiq tal-objettivi taż-ŻER fil-livelli Ewropej u nazzjonali, ser tiġi stabbilita **sistema ġdida ta' monitoraġġ**. B'mod partikolari, din għandha tikkonsisti minn:

- **il-pjattaforma online tal-politika taż-ŻER**, li tikkonsisti minn informazzjoni dwar (1) azzjonijiet fil-livell tal-UE u nazzjonali/reġjonali biex jiġu implimentati l-prijoritajiet tal-Aġenda ta' Politika kontinwa fuq 3 snin taż-ŻER u (2) investimenti, riformi u attivitajiet f'dawn il-livelli li jappoġġaw il-prinċipji u l-oqsma prijoritarji kollha taż-ŻER;

- **Tabella ta' valutazzjoni taż-ŻER** biex jiġi segwit il-progress fil-livelli kollha permezz ta' indikaturi u analiżijiet kwalitattivi;
- **djalogi ta' politika** bilaterali u multilaterali **bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea** biex jappoġġaw l-implimentazzjoni taż-ŻER.

2. Implikazzjonijiet għall-amministrazzjonijiet nazzjonali

L-UE u l-Istati Membri jikkondividu l-kompetenzi tagħhom fir-riċerka, u ż-ŻER hija mibnija fuq il-premessa li l-benefiċċji għax-xenarju Ewropew kollu huma massimizzati permezz ta' azzjoni aktar koordinata u konġunta.

L-implimentazzjoni tal-governanza u l-monitoraġġ taż-ŻER imġedda fil-livelli nazzjonali timplika fost l-oħrajn:

- koordinazzjoni u konsultazzjoni intersettorjali mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali matul l-eżami mill-Kunsill tal-inizjattivi relatati maż-ŻER;
- involviment fuq bażi volontarja fil-Forum taż-ŻER jew fis-sottogruppi tiegħu għat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet magħżula taż-ŻER;
- kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar politiki, pjanijiet direzzjonali, programmi, azzjonijiet, riformi u investimenti nazzjonali rilevanti għaż-ŻER permezz tal-pjattaforma online tal-politika taż-ŻER;
- involviment fi djalogu politiku mal-Kummissjoni, abbażi tar-rieżami tagħha tal-pjanijiet għaż-ŻER u l-implimentazzjoni tagħha fil-livelli nazzjonali.

3. Mistoqsijiet għad-diskussjoni

1. Il-governanza proposta ser tiżgura biżżejjed is-sjieda politika u l-impenn tal-Istati Membri? Kif jista' dan jissaħħa aktar, b'mod partikolari f'livelli politiċi għoljin? X'inhur-rwol tal-Konferenzi Ministerjali u l-pjanijiet ta' azzjoni jew il-pjanijiet direzzjonali nazzjonali b'rabta maż-ŻER f'dan ir-rigward?
2. Kif u kemm-il darba tinvolvi ruħek, jew tippjana li tinvolvi ruħek, mal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fil-livell(i) nazzjonali tiegħek, u kif għandhom jiġu involuti b'mod aktar sistematiku l-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-UE?
3. Kif għandhom jiġu involuti pajjiżi terzi fil-governanza futura taż-ŻER, u għandu jkun hemm distinzjoni f'dan ir-rigward bejn pajjiżi assoċjati ma' Orizzont Ewropa u pajjiżi sħab oħra?

